# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2010/92/PESK

**tal-15 ta' Frar 2010**

**li testendi miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fid-19 ta' Frar 2004, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK li ġġedded miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe [1].

(2) Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2009/68/PESK [2], adottata fis-26 ta' Jannar 2009, estendiet il-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK sal-20 ta' Frar 2010.

(3) Fid-dawl tas-sitwazzjoni fiż-Żimbabwe, b'mod partikolari n-nuqqas ta' progress fl-implimentazzjoni tal-Ftehim Politiku Globali iffirmat f'Settembru 2008, il-miżuri restrittivi previsti fil-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK għandhom jiġu estiżi għal perijodu ieħor ta' 12-il xahar.

(4) Madankollu, m'għadx hemm raġunijiet biex ċerti persuni u entitajiet jinżammu fuq il-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li għalihom tapplika l-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK. Il-lista li tinsab fl-Anness għall-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-miżuri restrittivi previsti fil-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK huma b'dan estiżi sal-20 ta' Frar 2011.

*Artikolu 2*

Il-persuni u l-entitajiet imsemmijin fl-Anness għal din id-Deċiżjoni għandhom jitneħħew mil-lista li tinsab fl-Anness għall-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Frar 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

Á. GABILONDO

[1] ĠU L 50, 20.2.2004, p. 66.
[2] ĠU L 23, 27.1.2009, p. 43.

*ANNESS*

**Persuni u entitajiet msemmijin fl-Artikolu 2**

I. PERSUNI

Nru 3 Al Shanfari, Thamer Bin

Nru 39 Dabengwa, Dumiso

Nru 54 Hove, Richard

Nru 57 Jangara magħruf ukoll bħala Changara, Thomsen

Nru 113 Msika, Joseph W

Nru 203 Zvinavashe, Vitalis

II. ENTITAJIET

Nru 16 Industrial Development Corporation of Zimbabwe

Nru 17 Intermarket Holdings Ltd

Nru 22 Oryx Diamonds Ltd (a.k.a. Oryx Natural Resources)

Nru 27 Scotfin Ltd

Nru 33 ZB Financial Holdings Ltd (magħrufa wkoll bħala Finhold)

Nru 34 ZB Holdings Ltd

Nru 37 Zimbabwe Iron and Steel Company (magħrufa wkoll bħala Zisco, Ziscosteel)

Nru 39 Zimre Holdings Ltd

Nru 40 Zimre Reinsurance Company (PVT) Ltd